Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
# IS-SEBAT LEĠISLATUR
# Laqgħa Numru 59
# It-Tlieta 27 ta' Gunju 2017

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-5.30 pm.

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku
Charles Selvaġġi – Kunsillier
Matthew Agius – Kunsillier
Romina Galea – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Emanuel Brincat – Kunsillier
Lino Bartolo-Kunsillier

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku
Alan Abela Wadge – Kunsillier
Matthew Mangion -Chairperson KAS

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

### 59.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

59.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-
Viċi Sindku Alex Sciberras, li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xoghol.
Is-Sur Alan Abela Wadge li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xoghol
Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta'apoloġija tac-Chairperson KAS Matthew Mangion, li talab li jkun skużat minħabba li jinsab imsiefer.
Il-Kunsilliera prezenti aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

### 59.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

59.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 58 ttieħdu bħala moqrija u ma kienx hemm korrezzjonijiet.

Il-minuti ġew approvati unanimament.

**59.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

59.3.1 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 59/3/1>Talba mill-Group tal-armar Msida biex jintrama screen il-Hamis 20 ta' Lulju hdejn l-ghassa tal-pulizia ghal prezentazzjoni ta' feature fl-22:30 fl-okazzjoni ta' gheluq il-hamsa u ghoxrin sena mit-twaqqif tal-ghaqda.
Il-kunsilliera prezenti ddiskutew u approvaw it-talba.

59.3.2 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 59/3/2>Talba minghand is-Sur Matthew Borg biex isir Loading / Unloading quddiem il-hanut taz-zebgha go Misrah il-Barrieri.
Il kunsilliera prezenti ddiskutew u qalu li dan ghandu japplika l-ewwel ma' Trasport Malta u wara il-Kunsill jiddiskuti jekk ghandux japprova jew le.
Is-Sur Maurice Agius qal li ma jaqbilx li din it-talba ghandha tigi approvata.

59.3.3 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 59/3/3>Risposta minghand is-Sur Domenic Vella ghal Trasport Malta dwar it-tlett proposti alternattivi li gew diskussi fil-laqgha tal-kumitat dwar it-traffic management go Triq San Alwigi.

Qamet diskussjoni dwar it-tieni proposta li titratta dwar acess ghar-residenti biss f'certu hinijiet.
Is-Sur Matthew Agius qal li ir-risposta taghti x'tifhem li l-problema hi li mhux ghax ma tistax ssir izda kif ha tikkontrollha.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li filfatt din ma tistax tigi kkontrollata u li intilef hafna zmien u ppropona li mmexxu bil pjan propost u approvat mit-Trasport Malta.
Is-Sur Maurice Agius qal li jekk jingabu il-wardens ghall-ewwel gimgha din tindara u tigi kkontrollata.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li billi ngibu il-Wardens ghal gimgha, xorta wara ikun hemm min xorta jabbuza u staqsiet kemm ser indumu ngibu l-wardens u nhallsu.
Is-Sur Charles Selvaggi qal li l-ewwel issue hija ta' Safety u ghandna naraw l-ahjar haga li ghandha ssir u tigi diskussa sew.
Is-Sinjura Romina Galea qalet li ghal certu nies l-issue hija il-kumdita'.
Is-Sur Maurice Agius qal li ghandna naraw jekk din tistax issir u jigi ffurmat group ta' rapprezentanti residenti kkoncernati u ssir diskusjoni ghal soluzzjoni.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li ilna nduru maghha u ma hargitx soluzzjoni wahda sura u meta nghidu rapprezentanti tar-residenti dawn min ser ikunu u kif se jinhatru.

Is-Sur Maurice Agius ppropona li jintghazlu tnejn minn kull Triq kkoncernata.
Is-Sur Matthew Agius qal li jaf li diga' il-kunsill ma qabilx mieghu izda xorta ihoss li ghandhom jissejhu anke ir-residenti ta' Toroq ohra.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gibed l-attenzjoni tas-Sindku li qed jigu ripetuti sugetti ga diskussi f'Laqghat precedenti.
Is-Sur Matthew Agius ppropona li nergghu niktbu lis-Sur Domenic Vella hall tigi ccarata it-Tieni alternattiva u jekk tista' ssir jinstab mezz kif tigi kkontrollata imbaghad ngharrfu r-residenti.
Is-Sur Lino Bartolo qal li hemm bzonn tittiehed decizjoni ghax ha ndumu nkarkru bija. Hawn kompla jghid li ghal hafna nies il-problema kienet l-ilma ta' Triq il-Wied, izda fil-verita' din m'ghadix problema.
Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar il-Pjan originali jekk il-one way tibqa' ' il fuq u dwar x'ghandu jaghddi minn Triq il-Kuncizzjoni.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li l-volum ta' traffiku li qed jghaddi minha ga qed jidhru sinjali cari ta' hsara fil-madum tat-triq u dan mhux biss minhabba il-vannijiet u vetturi kbar. Hawn kompliet tispjega li anke r-residenti huma fil-periklu ghax hafna mis-sewwieqa bla rispett u jibqghu ghaddejjin
Is-Sur Maurice Agius qal li hemm bzonn li din tinqata qabel terga tibda l-iskola.

59.3.4 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 59/3/4> dwar rapporti li isiru. Dawn ghandhom jghaddu l-ewwel mill- kunsill ha jigu registrati u hadd m'ghandu icempel lis-Sur Micallef u jaghti ordnijiet.

59.3.5 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 59/3/5> Kopja tal-Greenpak quaterly performance report u spjegat li ghalkemm sar progress, xorta ghadna lura biex nilhqu l-livelli mixtieqa.

59.3.6 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 59/3/6> talba minghand Clive Farrugia tal-kumpanija Invicta biex meta ikun gej il-Container ikunu jistghu jghaddu mit-triq u talbu biex issir laqgha halli nsibu soluzzjoni ghall-problema.

Is-Sur Emanuel Brincat qal li dan ga kellimnieh kemm-il darba u kif semma fuq it-talba ga pprovajna naghmlu xi haga.
Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ga tkellem mas-Sur Farrugia u pproponielu li l-Invicta jixtru bollards addattati kif jghidilhom il-Kunsill u meta ikun gej container dawn ghandhom ipoggu dawn il-bollards temporanji halli hadd ma jipparkja fuq il-yellow lines dawn ikunu xorta obbligati javzaw lil Kunsill u ihallsu l-permessi neccessarji.

59.3.7 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 59/3/7> Ittra ta' introduzzjoni minghand l-Onr .Robert Cutajar li gie mahtur <spokes person> ghall-Kunsilli Lokali Mibdula:<Spokesperson)

59.3.8 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 59/3/8> Rendikont mill-ittri legali mibghuta mir-regjun ghal citazzjonijiet pendenti u spjegat li s'issa intbaghatu 3,039 ittra li jammontaw ghall 176,010.40 ewro u sat-13 ta' Gunju ingabru 9,262.74 ewro.

59.3.9 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 59/3/9> Inizjattiva Finanzjarja. Ghoti mil gdid ta' Tarmak lit-toroq fir-responsabbilta' tal-kunsill u spjegat li din tammonta ghal 100,000 ewro li trid tinqasam bejn 13-il Kunsill li l-Imsida imissa 7,692 ewro u se naraw x'jista' isir b'dan l-ammont.

59.3.10 Is-Sur Emanuel Brincat wasal verbalment talba li qal ghandha tigi bil- miktub minghand l-Ghaqda tal-Gostra biex jinghata permess lil wiehed mill-isponsor tal-attivita' sportiva biex jarma stand u jaghmel promozzjoni tal-prodott waqt il-hin tal-Gostra biss.

Il-kunsilliera prezenti ddiskutew u qalu li sakemm dan ikun stand promozzjonali b'dak il-prodott biss, dan jista' isir.
Is-Sur Charles Selvaggi qal li din ghandha tkun cara, li waqt il-hin tal- Gostra biss.

Minhabba li ma kienx hemm laqgha tal-kunsill qabel id-data ta' din l-attivita' sportiva, li l-kunsill huwa ukoll parti mill-organizazzjoni, Il- kunsilliera prezenti approvaw li meta tasal it-talba bil-miktub din tigi approvata bil-kundizzjoni li l-permess japplika waqt il-hin tal-Gostra biss.

· **59.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

59.4.1 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar talba ghar-reserved parking fi Triq Imhallef Pawlu Debono.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wiegeb li din saret fejn kien hemm ga il-kaxxa s-safra

59.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar talba minghand Titan International Ltd ghal double yellow line fi Triq Makna Tas-Serrar. S-Sur Emanuel Brincat mar mas-segretarju fuq il-post u raw li it-talba hija ggustifikata.

Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk semmejnijiex li dawn isiru ggustifikati.
Is-Sur Emanuel Brincat u s-Sindku Margaret Baldachino Cefai kkonfermaw li hekk intqal.

59.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti li fuq korrespondenza precedenti Drug abuse in your Locality, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai talbet ghall-laqgha dwar abbuzi ta' droga fil-latrina.

59.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti li dwar talba minghand AD Supermarket, biex ikun jista' ihalli zewgt skips tal-kartun fuq barra waqt il-hin tal-ftuh. Gie mgharraf bl-approvazjoni u il-kundizzjonijiet.

59.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar Permess ta' BBQ mill-Ghaqda tan-Nar li saret spezzjoni l-ghada u kien kollox nadif.

59.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar ir-rapport ghal manutenzjoni fuq il-Bridge ta' Triq San Alwigi, li kellimna lis-Sur Michael Cohen u ghandu jirreferi mat-TM.

59.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar il-livell baxx ta' dawl fit-toroq Imhallef Pawlu Debono u Mikiel Anton Vassalli. Ser napplikaw biex inzidu d-dawl.

59.4.8 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar abbuzi u vandalizmu fi Triq John Borg. Staqsa jekk jistax isir meeting mas-sidien tal-hwienet biex jaghtu daqqa t'id.
Is-Sur Lino Bartolo qal li ahjar naghmlu appuntament mal-EF school dwar il-konfuzzjoni li dawn qed joholqu.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li jaqbel niltaqghu maghhom it-tnejn ha naraw x'jista' isir.

59.4.9 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti li ix-xoghol ta' manutenzjoni tal-bandli sar, izda rcevejna rapport li ghad hemm xi affarijiet li iridu l-attenzjoni u baghat il-kopji lill-M Quip halli jaghmlu verifika.

, Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar l-abbuzi mill-kuntratturi tal-Go, li kellem lil min hu nkarigat mill-kuntratti tal-Go biex dawn jigu rrangati.
Is-Sur Charles Selvaggi ppropona li jekk kemm-il darba dawn ma jittrangawx u sakemm jittrangaw ma jnhareg l-ebda permess iehor.
Il-Kunsilliera prezenti qablu unanimament.

59.4.11 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar permessi l-Hadd.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wiegeb li normalment ma jinghatawx permessi ghall-Hadd, biss jista' jkun qed isir servizz ta' Emergenza, li l-Kunsill ma jkunx mgharraf bih fil-Gurnata.

59.4.12 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar l-abbuzi ta' rimi ta' skart fi Triq l-Universita' fejn Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv ghamlu laqgha fuq il-post ma rapprezentanti tal-Universita' biex isir boundary wall aktar addattat biex ma jibqax isir abbuz.

59.4.13 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti li nforma lill-Health Promotion Unit dwar Talba ghar-reserved parking iehor li ma kienitx approvata.

59.4.14 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar ittra ufficjali minn Dr. Frank Cassar, f'isem Carmen Debono,li l -Kunsill baghat risposta bl-Avukat.

59.4.15 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar zviluppi fuq il-Problema ta' Triq is-Sarg. Din hadna pariri minghand is-Sur Michael Cohen biex nistennew sa meta l-agenzija tat-toroq tibda topera fi-zmien qasir.

59.4.16 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar il-garanzija tal-perit ta' Café Guzeppe fuq il-bankina,li baghat reminder biex din isir.

59.4.17 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar iz-zebra crossing go Triq Rue D'Argens sar kuntatt mat-TM u Is-Sur Michael Cohen avza li din ser issir izda ma setax jghid meta.

59.4.18 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar Loading u Unloading go Triq it-Tabib Naudi. Ghadu ma harigx il-permess biex tittnehha.

59.4.19 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar il funtana ta' Victor Denaro, li din tnaddfet u tbattlet mill-ilma u lesta bil hamrija.

59.4.20 Is-Sur Maurice Agius Staqsa jekk gewx organizzati il-files tal-Binja tal-kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wiegeb li ghadhom le ghax iridu jigu ccekjati kollha u rrangati kif suppost. Kompla jispjega li hemm kwantita' ta' pjanti li jista' jkun li huma doppji u dawn irridu jigu ccekjati kif suppost bl-ghajnuna tal-kunsillier Emanuel Brincat.

59.4.21 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar 300 metru madum, biex forsi jsir xi haga bih. Hemm hsieb biex jintuza parti minnu fejn il-latrina.

59.4.22 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar il GDS u <Jhonson> u kif <dawn qed jikkaparaw il-bankina u it-Triq>. Is-Segretarju Ezekuttiv kiteb lil Pulizija biex jiehdu azzjoni fuq min qed jikkaparra l-bankina, izda s'issa ma sar xejn. L-istess talba saret lil LESA u tlabna biex il-wardens ikellmuhom.

Mizjuda:<Jhonson>, Mibdula <dawn qed jikkaparaw il-bankina u it-Triq>

**59.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

59.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella prezenta fuq il-mejda il-Maneagement letter mibghuta mill-awdituri fejn kienet turi xi nuqqasijiet u suggerimenti taghhom biex dawn jigu rrangati.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li ghalkemm kien hemm xi nuqqasijiet, dawn kienu minimi meta mqabbla mas-snin ta' qabel u ga bdew jigu indirizzati.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella ta' spjegazjoni fuq numru ta' punti u qal li r-risposti ga huma mfassla u bdejna nirrangaw kif suggerit mill-awdituri.
Il-kunsilliera prezenti approvaw il-management letter u t-twegiba ghaliha.

59.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella pprezenta fuq il-mejda ittra <dc 59/5/2> minghand wahda mill-impjegati Sonia Vasallo fejn spjegat li minhabba li t-tifla ser tibda l-iskola, talbet biex minn Ottubru tibda tahdem hinijiet imnaqqsa.
Il-Kunsilliera prezenti staqsew lis-Segretarju Ezekuttiv kif jahseb li dan jista' jeffetwa x-xghol ta' kuljum.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella spjega li bla dubju ta' xejn jaf sa fejn hija kapaci l-impjegata u konvint li din kif ga taghmel fil-prezent meta jkun hemm bzonn titlob permess u tiehu xi xoghol maghha dar ghax ikun urgenti. Hawn kompla jispjega li huwa tal-idea li joffri lil Sonja arrangament flessibli ta' Telework fejn dan ikun jista' jigi mgedded minn zmien ghal zmien u ghalhekk l-impjegata tkun tista' taghti x-xoghol li normali taghti fil-prezent.
Il-kunsilliera prezenti qablu mal-opinjoni tas-Segretarju Ezekuttiv u qablu unanimament li l-impjegata tigi offruta ftehim ta' Telework flessibli.

59.5.3 Is-Sur Charles Selvagi staqsa dwar ir-Residential Parking u dwar il- mozzjoni mressqa li ghadna ma hadna l-ebda risposta.
Is-Sindku wiegbet li din ghada On Hold u ma kien hemm l-ebda zvilluppi
Is-Sur Charles Selvagi qal li hemm bzonn ssir laqgha mal-Ministru Ian Borg.

59.5.4 Is-Sur Maurice Agius qal li hemm bzonn li l-fanali go Rue D'Argens jittnaddfu.

59.5.5 Is-Sur Maurice Agius qal li hemm bzonn naghmlu verifika fuq tal-hwienet, min vera ghandu kuntrattur biex jigbor l-iskart u jaghtu din l-informazzjoni lill Kunsill.

59.5.6 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar certu hwienet li qed jikkaparraw il- bankina u anke il-parkegg bil-merkanzija taghhom u fuq il-hmieg fejn is-Sofra, biex naraw li dawn l-abbuzi ma jkomplux.

**59.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat**

59.6.1 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li ltaqa' il-Kumitat organizattiv ghal Jum l-Imsida u hareg bil-programm ghal Jum l-Imsida li din is-sena se jkun il-Gimgha 14 ta' Lulju.
Is-Sur lino Bartolo spjega li ghal din is-sena gie suggerit il-program segwenti.
Il -Hamis 13 ta' Lulju, Gita bid-Dghajsa fix-Xlokk ta' Malta.
It-Tlieta 11 ta' Lulju, Harga ghall-anzjani.
L-Erbgha 12 ta' Lulju, harga ghat-tfal, L-Esplora.

Il-Gimgha 14 ta' Lulju, Quddiesa u wara serata kuncert u cerimonja bl-ghoti ghal meritu ta' Gieh l-Imsida segwit b'riceviment.
Gie diskuss il-prezzijiet tal-giti kolha u gie deciz li dawn l-ispejjez ghandhom ikun koperti.
Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li ga baghat ghal kwotazzjoni minghand numru ta' Caterers.
Is-Sindku qalet li hemm bzonn nohorgu l-aviz ghan-nomini u li jinhatar il-bord tal-ghazla.
Is-Sur Charles Selvaggi ppropona lis-Sur Alex Manfre', waqt li s-Sindku Margaret Baldachino Cefai, ppproponiet lill-Imhallef Philip Sciberras u lis-Sinjura Marita Portelli jew lis-Sur Matthew Dimech. It-tnejn servew ghal xi zmien bhala Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali l-Imsida.
Il-Kunsilliera prezenti qablu li wiehed mis-segretarji ghandu jkun membru tal-bord flimkien mas-Sur Alex Manfre' u l-Imhallef Philip Sciberras, dejjem jekk dawn jaccetaw.

Il-kunsilliera ddiskutew u gie deciz li l-aviz ghan-nomini jfthu mit-Tnejn 3 ta' Lulju u jaghlqu t-Tnejn 10 ta' Lulju f'nofs in-nhar. Kull nomina trid tasal bl-idejn il-Kunsill u tinghata ricevuta ghalija.
Is-Sur Lino Bartolo gharraf lill-kunsilliera prezenti li din is-sena ser tittella esebizzjoni mill-pittrici Rosella Dalmas fil-Board Room li tibda miftuha ghall-pubbliku fil- hinijiet tal-Ftuh, mill-14 ta' Lulju sal-Hadd 23 ta' Lulju.

59.6.2 Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar il-possibilita li tittella lejla Maltija u fejn l-ghaqdied ikunu jistghu jarmaw u jbieghu waqt is-serata. Hawn ssugerixxa li nistghu ntellghu serata tal-ghana, izda jiddependi kemm titla il-Kwotazzjoni.
Il-kunsilliera ddiskutew u qablu li ghandha tingib stima.

59.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-membri tal-kumitat <dc 59/6/3> ghall-evalwazzjoni tad-tenders biex jiehdu hsieb jattivaw l-account taghhom fis-sistema tal-EPPS.

59.6.4 Is-Sindku gharrfet li l-attivita' kulturali ghal zmien il-festa bil- partecipazzjoni mal-banda lokali gie propost <dc 59/6/4> li ser isir Kuncert l-Erbgha 19 ta' Lulju mill banda Melita San Guzepp u l-kor Collegium Musicum immexxi minn Prof. Mro. Dion Buhagiar u gharrfet li dan jiswa 800 Ewro.
Is-Sur Lino Bartolo talab biex ma jiehux sehem fid-diskussjoni minhabba li jista' jkun hemm kuflitt ta-interess.
Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew din l-attivita' u f'hiex jikkonsisti s-sehem tal-Banda.

Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li l-Banda se tiehu hsieb l-orchestra, il-programm, is-sound u d-dawl u affarijiet logistici ohra li jammontaw ghal madwar 1,200 Ewro. Dan il-Program vokali u strumentali se jkun reklamat fuq il-harga tal-festa.

Is-Sur Maurice Agius proppona li l-spiza ta' 800 euro ghal kor ghanda tithallas kollha mil-kunsill u din giet approvata unanimament.

**59.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

59.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K7-59 <dc 59/7/01> ta' ħlasijiet għall-approvazzjoni tal-membri.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti, li dawn il-pagamenti ikopru invoices li l-Kunsill ircieva sal-ahhar ta' Mejju, u spjega li dwar l-allowance tal-Kunsilliera fejn dawk Assenti u skuzati minhabba li kienu ma jifilhux, li jekk ma jipprezentawx ic-certifikat tal-mard ma kienux se jithallsu ta' dik il-laqgha hekk kif spjegat fic-cirkulari.
L-Iskeda giet proposta mis-Sur Lino Bartolo u ssekondata mis-Sur Maurice Agius.

Skeda ġiet approvata unanimament.

**59.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

59.8.1 Il-laqgħa intemmet fit-8:25 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għas-27 ta' Lulju 2017 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Minuti konfermati, illum 1ta' Awissu 2017

**IFFIRMATA**

| | |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai<br>Sindku | Alan Vella<br>Segretarju Eżekuttiv |